**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 10 ta' Novembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 392 / 09 / 3RGM

Kawza fil-lista: 14

**T C**
**vs**
**X P C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' T C tat-28 ta' Settembru 2016 li permezz tieghu talab il-permess tal-Qorti sabiex jappella mis-sentenza tat-22 ta' Settembru 2016;

Rat l-opposizzjoni tal-konvenuta sottomessa oralment mid-Difensur taghha fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2016;

Ikkunsidrat;

Permezz tar-rikors de quo l-attur qed jitlob li jappella minn sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Settembru 2016 li permezz taghha giet michuda t-talba tieghu sabiex jipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba tal-konvenuta, snin wara li gie notifikat bil-kontro talba u meta l-istadju tal-provi jinsab maghluq bil-partijiet moghtija termini ghan-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Il-Qorti hasbet fit-tul jekk ghandiex tilqa' t-talba sabiex l-attur jinghata l-permess jappella mis-sentenza in parte imsemmija.

Ikkunsidrat;

Huwa minnu li kif tajjeb issottometta l-Avukat tal-konvenuta rikonvenzjonanti l-ghoti ta' permesss ghal appell minn sentenza in parte f'kawza li ilha pendenti 'l fuq minn sitt snin ghandu l-konsegwenza li jtawwal dawn il-proceduri, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi id-dewmien fil-proceduri m'ghandiex tkun il-konsiderazzjoni ewlenija fil-konsiderazzjonjiet li ghandha taghmel Qorti meta rinfaccjata b'talba simili.

L-attur jimmotiva t-talba tieghu ghall-permess li jappella f'dan l-istadju billi jsostni illi jekk tali permess jigi lilu michud ser ibati pregudizzju irrimedjabbli. Jissottometti illi fil-kontro-talba tal-konvenuta huwa, qua attur, huwa sallum kontumaci u jghid illi "….l-effetti ta' kontumacja mhux biss ser icahhduh milli jressaq ir-risposta tieghu ghall-kontro-talbiet imressqa mill-intimata rikonvenzjonanti talli ser itellfuh mid-drittijiet li huwa jezercita fuq bintu l-minuri bhala missier;"

Huwa pacifiku li wiehed mill-effetti primarji ta' parti imharrka li tkun kontumaci huwa li tigi prekluza milli tressaq provi. Fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-attur rikonvenzjonat kien ristrett b'xi mod fil-produzzjoni tal-provi sew fir-rigward tat-talbiet attrici kif ukoll fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali. Dan ghaliex sa ftit tal-gimghat ilu jidher li sew l-attur kif ukoll l-Avukati difensuri tieghu matul is-snin kien minghalihom illi hemm fl-atti risposta guramentata tal-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta. Ghalhekk huwa evidenti illi l-attur ressaq il-provi kollha li ried iressaq minghajr l-ebda xkiel.

Fir-rikors guramentat tieghu l-attur qed jitlob li jezercita l-access skond kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali ippubblikat fit-28 ta' Mejju 2007. Mill-banda l-ohra, fil-kontro-talba minnha mressqa l-konvenuta qed titlob in via rikonvenzjonali illi l-Qorti tvarja l-klawsoli tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet fejn jirrigwardaw lill-minuri. B'mod partikolari l-konvenuta rikonvenzjonanti qed titlob (1) li tinghata l-kura u kustodja esklussiva fuq il-minuri, u (2) sabiex bl-ghajnuna ta' esperti jinghataw dawk il-provvedimenti necessarji rigwardanti l-access tal-attur versu l-minuri.

In tema legali, gie ritenut mill-Qrati taghna illi fid-deliberazzjoni jekk ghandux jinghata permess sabiex jigi ntavolat appell minn sentenza in parte fil-mori tal-kawza, l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni jekk ir-rifjut tal-permess jistax iwassal ghall-hsara lill-parti li titlob il-permess li ma jistax mod iehor jigi evitat. L-attur rikonvenzjonat qed jitlob li jappella mis-sentenza in parte li cahditlu t-talba li jipprezenta f'dan l-istadju ir-risposta guramentata tieghu ghat-talbiet rikonvenzjonali. Fl-eventwalita' li l-Qorti tipprocedi ghas-sentenza finali minghajr ma tkun tat l-opportunita' lill-attur li jikkontesta s-sentenza in parte f'dan l-istadju, ikun ifisser li l-attur ikun gie mcahhad irrimedjabbilment mid-dritt li jitlob revizjoni tad-decizjoni tal-Qorti li cahditlu t-talba sabiex jipprezenta f'dan l-istadju risposta guramentata ghat-talbiet rikonvenzjonali.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim' Awla, fl-ismijiet **Mario Pickard vs. Grace Anderson** deciza fit-22 ta' Lulju 2010, (Citaz nru 1064/2008JRM):

"Illi għalhekk, il-Qorti tara li l-imħarrka tatha raguni tajba biex tħalliha tressaq appell mis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Mejju, 2010, għaliex ic-caħda tat-talba taf issarraf fi ħsara li ma tistax mod ieħor tkun meħlusa". (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din hija l-konsiderazzjoni li l-Qorti ghandha taghmel meta rinfaccjata b'talbiet simili.

Fic-cirkostanzi tal-kawza odjerna l-Qorti thoss illi ic-cahda tal-permess ghall-appell mis-sentenza in parte taf twassal ghal pregudizzju serju lill-attur rikonvenzjonat illi ma jkunx jista' jigi rimedjat mod iehor. L-attur rikonvenzjonat huwa rinfaccjat b'talba sabiex jigi svestit mill-kura u kustodja ta' bintu filwaqt li l-omm tinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-bint. Fil-fehma tal-Qorti, id-decizjoni jekk ghandux l-attur rikonvenzjonat jinghata d-dritt li jipprezenta risposta guramentata ghat-talbiet rikonvenzjonali ghandha tkun deciza definittivament mill-Qorti tal-Appell qabel ma din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali fil-mertu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' r-rikors tal-attur rikonvenzjonat tat-28 ta' Settembru 2016 u tawtorizzah sabiex iressaq appell mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi moghtija fit-22 ta' Settembru 2016 u dan fiz-zmien moghti mil-ligi ghall-appell.

Spejjez ta' dan il-provvediment rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**